MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru. 607/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Omar Yusuuf Hodan ta' 23 sena, imwielda Somalia fil-15 ta' April 1986, bint Yusuuf Omar u Dhahabo u residenti Hal-Far Open Centre, Hal-Far, detentrici tal-karta tal-identita no. 50409(A)**

Il-Qorti;

1. Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Omar Yussuuf Hodan u cioe' talli fid-9 ta' Gunju 2009, ghall-habta tad-9.30pm, gewwa Hal- far, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ata' arma bil-ponta u li taqta', volontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Habiba Abdi Naur, liema offiza x'aktarx

tikkaguna debbulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-gisem, skond kif iccertifika it-tabib Dr. Michael Spiteri M.D. mill-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u storbju;

2. U aktar talli filwaqt li kienet qed taghmel reat kontra l-persuna, kellha fuq il-persuna taghha xi arma rgolari u ma gabitx prova xort' ohra li kienet qed iggorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

3. Akkuzata wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammet u garret arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Kif ukoll tali fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret il-pace u l- ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-prodediment;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatj ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputata, il-fatt illi l-imputata iddispjaciha ghall-akkadut u ddikjarat li behsiebha titlaq minn Malta fil-jiem illi gejjin. Illi in oltre jidher illi ghar-rigward tat-2 u tat-3 akkuza hemm l-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti ser ghati l-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 216, 218 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55 tal-Kap 480 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatj ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perjodu ta' sentejn prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjdu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------